

31998D0386

18.6.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 173/26

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI**tad-29 ta' Mejju 1998****rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika
dwar l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' relazzjoni pożittiva fl-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tagħhom**

(98/386/KE, KEFA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 87 flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u b'mod partikolari l-Artikoli 65 u 66 miġ-
juba fih,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾;

Billi l-Ftehim tat-23 ta' Settembru 1991 bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika rigward l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tagħhom, u l-iskambju ta' ittri ta' interpretazzjoni datati 31 ta' Mejju u 31 ta' Lulju 1995 rigward dak il-Ftehim (kollha f'daqqa minn issa 'l quddiem imsemmija bħala "il-Ftehim ta' l-1991"), mehmuża mad-Deċiżjoni 95/145/KE, KEFA tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ⁽²⁾ ikkontribwew għall-kordinazzjoni, koperazzjoni u evitar ta' kunflitti fl-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni;

Billi l-Artikolu V tal-Ftehim ta' l-1991, spiss magħruf bħala l-Artikolu tar-"relazzjoni pożittiva", isejjaħ għal koperazzjoni rigward attivitajiet anti-kompetittivi li jseħħu fit-territorju ta' Parti li jaffettwaw negattivament l-interessi tal-Parti l-oħra;

Billi elaborazzjoni ulterjuri tal-prinċipji ta' relazzjoni pożittiva u l-implimentazzjoni ta' tali prinċipji jkabbbru l-effettività tal-Ftehim ta' l-1991 rigward tali mġiba;

Billi, għal dan l-għan, il-Kummissjoni nnegożjat Ftehim mal-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' relazzjoni pożittiva fl-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Uniti ta' l-Amerika;

Billi l-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' relazzjoni pożittiva fl-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tagħhom huwa b'dan approvat fisem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

⁽¹⁾ ĠU C 138, ta' l-4.5.1998.⁽²⁾ ĠU L 95, tas-27.4.1995, p. 45; korrezzjoni
, ĠU L 131, tal-15.6.1995, p. 38.

It-test tal-Ftehim, imfassal fil-lingwa Ingliża, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna/i li jkollhom il-jedd li jiffirmaw il-Ftehim fisem il-Komunitajiet Ewropej.

Il-President tal-Kummissjoni huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna/i li jkollhom il-jedd li jiffirmaw il-Ftehim fisem il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Mejju 1998.

Fisem il-Kunsill

Il-President

J. STRAW

Għall-Kummissjoni

J. SANTER

Il-President
